MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 189/2015

**Computer Solutions Limited (C8487)**

**vs.**

**Network Publications Limited (C21054)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Computer Solutions Limited** ippreżentat fis-27 ta' Frar, 2015 u konfermat bil-ġurament minn Joseph

Grixti (733956M) kif debitament awtorizzat, li permezz tiegħu ppremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjetà intimata fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf u tnejn u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€22,052.58) rappreżentanti bilanċ dovut lis-soċjetà rikorrenti għal servizzi reżi lis-soċjetà intimata ai termini tal-Managed Services Agreement konkluż bejn il-partijiet nhar l-1 ta' Lulju, 2011 oltre għall-prezz ta' prodotti Hardware u Software kkonsenjat lill-istess soċjetà intimata fuq struzzjonijiet tagħha stess, liema kreditu jirriżulta ampjament mill-prospett anness u mmarkat Dok. '1';*

2. *Illi minkejja interpellata tħallas dan l-ammont, s-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti;*

3. *Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-soċjetà rikorrenti u fl-opinjoni tas-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà intimata m'għandhiex risposta x'tagħti;*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joġgħobha għar-raġunijiet fuq premessi:*

1. *Taqta' u tiddeċiedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoè bid-dispensa tas-smigħ;*

2. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tnejn u għoxrin elf u tnejn u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€22,052.58) dovuta kif fuq ingħad;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imgħax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata inġunta minn issa biex tidher għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-soċjetà attriċi ppreżentata waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju, 2015 li permezz tagħha rriduċiet it-talba tagħha għas-somma ta' tmintax-il elf, mitejn u sbatax-il Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€18,217.58).

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata mis-soċjetà waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju, 2015 li permezz tagħha ammettiet it-talba fl-ammont ridott ta' tmintax-il elf, mitejn u sbatax-il Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€18,217.58).

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2015 is-soċjetà konvenuta ppreżentat nota' ta' ammissjoni li permezz tagħha ammettiet it-talba fl-ammont ridott ta' tmintax-il elf mitejn u sbatax-il Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€18,217.58).

Billi fuq ammissjoni tas-soċjetà konvenuta, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf kif ridotti bin-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fit-18 ta' Mejju, 2015, jirriżultaw ippruvati.

**Decide**

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kif ridotta bin-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fit-18 ta' Mejju, 2015 u taqta' l-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**
2) **Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Network Publications Limited (C21054) hija debitriċi tas-soċjetà attriċi Computer Solutions Limited (C8487) fis-somma ta' tmintax-il elf, mitejn u sbatax-il Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€18,217.58);**
3) **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Network Publications Limited (C21054) sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi Computer Solutions Limited (C8487) is-somma ta' tmintax-il elf mitejn u sbatax-il Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€18,217.58)**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------